

31996R0031

L 8/11

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

11.1.1996

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 31/96
tal-10 ta' Jannar 1996
dwar iċ-ċertifikat ta' l-eżenzjoni mit-taxxa tas-sisa

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Artikolu 3

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Stat Membru li jixtieq jadatta iċ-ċertifikat ta' eżenzjoni għandu jinforma lill-Kummissjoni u għandu jipprova wkoll lill-Kummissjoni bl-informazzjoni kollha rilevanti u meħtieġa. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħrajn.

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/12/KEE tal-25 ta' Frar 1992 dwar l-arranġamenti ġenerali għall-prodotti soġġetti għat-taxxa tas-sisa u fuq iż-żamma, moviment u sorveljar ta' tali prodotti ⁽¹⁾, kif emendata ta' l-aħħar mid-Direttiva 94/74/KE ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 23 (1a) tagħha,

Artikolu 4

Iċ-ċertifikat ta' eżenzjoni għandu jiffassal f'duplikat:

Billi Stati Membri għandhom jeżentaw mit-taxxa tas-sisa l-prodotti soġġetti għat-taxxa tas-sisa mwassla lill-forzi armati u organizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 23(1) tad-Direttiva 92/12/KEE;

— kopja waħda biex tinżamm minn min jikkunsinja,

— kopja waħda biex takkompanja d-dokument amministrattiv ta' sostenn speċifikat fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 92/12/KEE.

Billi skond l-Artikolu 23 (1a) tad-Direttiva 92/12/KEE, il-forzi armati u organizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 23(1) għandhom ikunu awtorizzati li jirċievu prodotti minn Stati Membri oħrajn taħt arranġamenti ta' sospensjoni tat-taxxa tas-sisa b'awtorità ta' dokument mehmuż, iżda sakemm dak id-dokument huwa akkompanjat minn ċertifikat ta' eżenzjoni; billi jinħtieġ li titwaqqaf il-forma u l-kontenut ta' iċ-ċertifikat ta' eżenzjoni;

Stati Membri jistgħu jeħtieġu kopja addizzjonali għal skopijiet amministrattivi.

Artikolu 5

Billi Stati Membri għandhom jitħallew jestendu d-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għal oqsma oħrajn ta' taxxa indiretta;

1. Maggazzinier awtorizzat, li jwassal il-prodotti taħt arranġamenti ta' sospensjoni tat-taxxa tas-sisa lill-forzi armati u organizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 23(1) tad-Direttiva 92/12/KEE, huwa meħtieġ li jżomm iċ-ċertifikat ta' eżenzjoni tat-taxxa bħala parti mid-dokumentazzjoni tiegħu.

Billi l-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tat-Taxxi tas-Sisa,

2. Iċ-ċertifikat ta' eżenzjoni mit-taxxa, ittimbrat kif suppost mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru riċevent, għandu jin-għata mill-konsinnatarju lil maggazzinier awtorizzat għall-iskopijiet ta' paragrafu 1.

Madankollu, jekk l-oġġetti mwassla huma maħsubin għall-użu uffiċjali, Stati Membri jistgħu jeżentaw lill-konsinnatarju mill-ħtieġa li jkollu iċ-ċertifikat ittimbrat taħt tali kondizzjonijiet kif jistgħu jistipulaw.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Artikolu 6

Id-dokument imfassal fl-Anness se jintuża bħala iċ-ċertifikat ta' eżenzjoni fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 23 (1a) tad-Direttiva 92/12/KEE, bla ħsara għan-noti spjegattivi mfissra fl-Anness.

1. Stati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar is-servizz li jkun responsabbli għat-timbrar ta' iċ-ċertifikat ta' eżenzjoni mit-taxxa.

Artikolu 2

Stati Membri jistgħu jaddattaw iċ-ċertifikat ta' eżenzjoni msemmi fl-Artikolu 1 biex ikopru oqsma oħrajn ta' taxxa indiretta u biex jassiguraw li l-eżenzjoni hija kompatibbli ma' kondizzjonijiet u limitazzjonijiet għall-għotja ta' eżenzjonijiet fil-liġi nazzjonali tagħhom.

2. Stat Membru li jgħaddi mingħajr l-obbligazzjoni fuq il-konsinnatarju li jkollu iċ-ċertifikat ittimbrat skond it-tieni sub-paragrafu ta' l-Artikolu 5(2) għandu jinforma lill-Kummissjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra dwar l-informazzjoni riċevuta mill-Istati Membri skond il-paragrafi 1 u 2 fi żmien xahar.

Artikolu 7

⁽¹⁾ ĠU L 76, tat-23.3.1992, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 365, tal-31.12.1994, p. 46.

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' ġurnata wara li jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fl-10 ta' Jannar 1996.

Għall-Kummissjoni

Mario MONTI

Membre tal-Kummissjoni

KOMUNITÀ EWROPEA

ĊERTIFIKAT TA' L-EŻENZJONI MIT-TAXXA TAS-SISA
(Dir. 92/12/KEE-art. 23 (1))

Nru tas-Serje (mhux obligatorju):

1. ISTITUZZJONI/INDIVIDWU ELEĠIBBLI

Nomina/isem

Triq u Nru

Kodiċi postali, post

Stat Membru (riċevent)

2. AWTORITÀ KOMPETENTI BIEX TOĦROĠ IT-TIMBRU

(Isem, indirizz u Nru tat-telefon)

.....

.....

3. DIKJARAZZJONI MILL-ISTITUZZJONI JEW PERSUNA ELEĠIBBLI

L-istituzzjoni jew individwu eleġibbli ⁽¹⁾ hawnhekk jiddikjara(a) li l-oġġetti mniżżla f'kaxxa 5 huma maħsuba ⁽²⁾

- | | |
|---|--|
| <input type="checkbox"/> għall-użu uffiċjali ta' | <input type="checkbox"/> għall-użu personali ta' |
| <input type="checkbox"/> missjoni diplomatika ta' barra | <input type="checkbox"/> membru tal-missjoni diplomatika ta' barra |
| <input type="checkbox"/> rappreżentazzjoni konsulari ta' barra | <input type="checkbox"/> membru tar-rappreżentazzjoni konsulari ta' barra |
| <input type="checkbox"/> organizzazzjoni internazzjonali | <input type="checkbox"/> membru tal-istaff ta' organizzazzjoni internazzjonali |
| <input type="checkbox"/> forzi armati tal-iStat li jagħmel parti mill-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (forzi tan-NATO) | |

 (titlu tal-istituzzjoni) (ara kaxxa 4)

(b) li l-oġġetti deskritti f'kaxxa 5 jaqblu mal-kondizzjonijiet u limitazzjonijiet applikabbli għall-eżenzjoni fl-iStat Membru riċevent msemmi f'kaxxa 1, u

(c) l-informazzjoni t'hawn fuq hija mogħtija bi skop tajjeb. L-istituzzjoni jew individwu eleġibbli hawnhekk jimpenja ruħu li jħallas lill-iStat Membru li minn għandu tqassmu l-oġġetti, it-taxxa li tkun dovuta jekk dawn l-oġġetti ma jkunux jaqblu mal-kondizzjonijiet tal-eżenzjoni, jew jekk l-oġġetti ma jkunux użati bil-mod intiż.

.....
Post, data.....
Isem u stat tal-firmatarju.....
Firma

4. TIMBRU TAL-ISTITUZZJONI (f'każ ta' eżenzjoni għal użu personali)

.....
Post, data

 (Timbru)
.....
Isem u stat tal-firmatarju.....
Firma

5. DESKRIZZJONI TAL-OĠĠETTI MWASSLA LI MINNHOM L-EŻENZJONI MIT-TAXXA HIJA MITLUBA

A. Informazzjoni li tikkonċerna lil min ikun awtorizzat iżomm il-maħżen

(1) Isem u indirizz

(2) Stat Membru

(3) Nru tat-taxxa

(mhux obbligatorju)

B. Informazzjoni li tikkonċerna l-oġġetti

Nru	Deskrizzjoni dettaljata tal-oġġetti ⁽³⁾ (jew referenza għall-formola tal-ordni meħmuża)	Kwantità jew numru	Valur minbarra t-taxxa		Munita
			Valur għal kull unità	Valur totali	
Ammont totali					

6. ĊERTIFIKAZZJONI MILL AWTORITÀ KOMPETENTI TA' L-ISTAT MEMBRU LI QED JOSPITA

Il-konsinna ta' oġġetti deskritti fil-kaxxa 5 jiltaqaw ma:

totalità

sa kwantità ta' (numru) ⁽⁴⁾

il-kondizzjonijiet ta' l-eżenzjoni mit-taxxa tas-sisa

.....
Post, data

.....
Isem u stat tal-firmatarju

.....
Firma


7. PERMESS BIEX JITQASSAM BIT-TIMBRU (fil-każijiet biss ta' eżenzjoni għal użu uffiċjali)

Bl-ittra Nru ta'
(referenza għal file) (data)

..... għandu il-permess minn
(nomminazzjoni ta' l-instituzzjoni eliġibbli)

(nomminazzjoni mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li qed jospita)
biex iqassam bit-timbru taħt kaxxa 6

.....
Post, data



.....
Isem u stat tal-firmatarju

.....
Firma

⁽¹⁾ Ħassar fejn xieraq.

⁽²⁾ Poġġi salib fil-kaxxa t-tajba.

⁽³⁾ Ħassar l-ispazju mhux użat. Din l-obbligazzjoni tapplika ukoll jekk il-formola huma meħmuża.

⁽⁴⁾ Oġġetti mhux eliġibbli għandhom jitħassru mill-kaxxa 5.

Noti ta' spjega

1. Għal min hu awtorizzat jieħu ħsieb il-maħżen, dan iċ-ċertifikat iservi bħala dokument ta' appoġġ għall-eżenzjoni tat-taxxa tal-kunsinni ta' oġġetti lil istituzzjonijiet/individwi eliġibbli msemmija fl-Artikolu 23(1), tad-Direttiva 92/12/KEE. Għalhekk, ċertifikat wieħed għandu jifassal għal kull wieħed li jieħu ħsieb maħżen. Kif ukoll, dawn jeħtieġ li jżommu dan iċ-ċertifikat bħala parti mid-dokumentazzjoni tagħhom skond id-disposizzjonijiet legali applikabbli fl-Istat Membru tagħhom.
2. (a) L-ispeċifikazzjoni ġenerali tal-karta li għandha tintuża hija kif imniżżel fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej Nru C 164 ta' ta' l-1.7.1989.
 Il-karta għandha tkun bajda għall-kopji kollha u għandha tkun 210 millimetri b'297 millimetri b'tolleranza massima ta' 5 millimetri inqas jew 8 millimetri iżjed fir-rigward tat-tul tagħhom.
 Iċ-ċertifikat ta' eżenzjoni għandu jifassal f'duplikat:
 - kopja waħda biex tinżamm minn min jikkunsinna,
 - kopja waħda biex takkompanja d-dokument amministrattiv ta' appoġġ.
- (b) Kull spazju mhux użat fil-kaxxa 5.B għandu jinqata' barra sabiex xejn ma jkun jista' jiżdid.
- (c) Id-dokument għandu jkun kompletat b'mod li jinqara u f'manjera li jagħmel il-kitba indelibbli. M'humiex permissi taksiriet jew kitba fuq li hemm. Għandu jkun komplut f'lingwa magħrufa mill-Istat Membru riċevent.
- (d) Jekk id-deskrizzjoni ta' l-oġġetti (kaxxa 5.B taċ-ċertifikat) tirreferi għal formola ta' ordni ta' xiri mfassla f'lingwa li mhix lingwa rikonoxxuta mill-Istat Membru riċevent, għandha tinhomeż traduzzjoni mill-istituzzjoni/individwu eliġibbli.
- (e) Minn naħa l-oħra, jekk iċ-ċertifikat huwa mfassal f'lingwa li mhix lingwa rikonoxxuta mill-Istat Membru ta' min iżomm il-maħżen, traduzzjoni dwar l-informazzjoni li tikkonċerna l-oġġetti fil-kaxxa 5.B għandha tinhomeż mill-istituzzjoni/individwu eliġibbli.
- (f) Lingwa rikonoxxuta tfisser waħda mill-lingwi wżati uffiċjalment fl-Istat Membru jew kull lingwa uffiċjali oħra tal-Komunità li l-Istat Membru jiddikjara li tista' tintuża għal dan l-iskop.
3. Permezz tad-dikjarazzjoni tagħha fil-kaxxa 3 taċ-ċertifikat, l-istituzzjoni/individwu eliġibbli jipprovi l-informazzjoni meħtieġa għall-valutazzjoni tar-rikjesta għal eżenzjoni fl-Istat Membru riċevent.
4. Permezz tad-dikjarazzjoni tagħha fil-kaxxa 4 taċ-ċertifikat, l-istituzzjonijiet tikkonferma d-dettalji fil-kaxxi 1 u 3 (a) tad-dokument u tiċċertifika illi l-individwu eliġibbli huwa membru tal-persunal ta' l-istituzzjoni.
5. (a) Ir-referenza għall-formola ta' l-ordni ta' xiri (kaxxa 5.B taċ-ċertifikat) għandha jkollha għall-inqas id-data u n-numru tal-ordni. Il-formola ta' l-ordni għandha jkollha l-elementi kollha li jinsabu fil-kaxxa 5 taċ-ċertifikat. Jekk iċ-ċertifikat għandu jkun ittimbrat mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru riċevent, il-formola ta' l-ordni għandha tkun ittimbrata wkoll.
- (b) L-indikazzjoni tan-Nru tas-sisa kif infissra fl-Artikolu 15(a), paragrafu 2 (a), tad-Direttiva 92/12/KEE ta' min ikun awtorizzat iżomm il-maħżen mhix obligatorja.
- (c) Il-valuti għandhom ikunu indikati permezz ta' kodiċi ta' tliet ittri f'konformità ma' l-istandard ISO/DIS 4127 imwaqqaf mill-Organizzazzjoni ta' Standards Internazzjonali ⁽¹⁾.
6. Id-dikjarazzjoni hawn fuq imsemmija mill-istituzzjoni/individwu eliġibbli għandha tkun awtentikata fil-kaxxa 6 minn timbru tal-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru riċevent. Dik l-awtorità tista' tagħmel l-approvazzjoni tagħha dipendenti fuq il-ftehim ta' awtorità oħra fl-Istat Membru tagħha. Huwa f'idejn l-awtorità tat-taxxa kompetenti biex tikseb tali ftehim.
7. Biex tkun simplifikata l-proċedura, l-awtorità kompetenti tista' tgħaddi mingħajr l-obbligazzjoni fuq l-istituzzjoni eliġibbli li ssaqs għal timbru fil-każ ta' eżenzjoni għall-użu uffiċjali. L-istituzzjoni eliġibbli għandha ssemmi din id-dispensa fil-kaxxa 7 taċ-ċertifikat.

⁽¹⁾ Bħala indikazzjoni, fit kodiċijiet li jitrattaw il-valuti wżati korrentement: BEF (frank Belġjan), DEM (mark Ġermaniż), DKK (kroner Daniż), ESP (peżeta Spanjola), FRF (frank Franċiż), GBP (Lira sterlina), GRD (drakma Griega), IEP (lira Irlandiża), ITL (lira Taljana), LUF (frank ta' Lussemburgu), NLG (gilder Olandiż), PTE (eskudo Portugiż), ATS (xelin Awstrijakk), FIM (mark Finlandiż), SEK (kroner Svediż), USD (dollaru Amerikan).